ŻEBBUĠ

**Kontinwazzjoni tas-Seduta Nru. 61/2011 tat-12 ta' Jannar 2011**

**Iltaqa' fil-Bini tal-Kunsill Lokali Żebbuġ**

**Data: L-Erbgħa, 12 ta' Jannar 2011**

**Ħin: Fl-10:25 ta' filgħodu**

**Preżenti għall-laqgħa:-**

- **Is-Sur Carmelo Saliba – Sindku**
- **Is-Sur Joseph Bajada – Deputat Sindku**
- **Is-Sur Joseph Camilleri – Kunsillier**
- **Is-Sur Harry Debono – Kunsillier**
- **Is-Sur Victor Refalo – Kunsillier**
- **Is-Sur Carmelo Grima – A/Segretarju Eżekuttiv.**

Ippresjeda l-laqgħa s-Sindku Carmelo Saliba.

## TALBA

Intqalet talba mis-Sindku u ngħata bidu għall-laqgħa.

Is-Sindku qal li konna wasalna f' Item 6 tal-Aġenda.

## APPROVAZZJONI TAL-KONTIJIET

**Dawn il-pagamenti ġew approvati:-**

| | |
|---|---|
| Onorarja tas-Sindku u a*llowance* dovuti għax-xahar ta' Diċembru 2010 & arretrati tas-sena 2010 | €2,698.50 |
| *Allowance* dovut lid-Deputat Sindku Joe Bajada – Diċembru 2010 | € 480.00 |
| *Allowance* dovut lill-Kunsillier Joe Camilleri – Diċembru 2010 | € 480.00 |
| *Allowance* dovut lill-Kunsillier Harry Debono – Diċembru 2010 | € 480.00 |
| *Allowance* dovut lill-Kunsillier Victor Refalo – Diċembru 2010 | € 480.00 |
| Ammont dovut lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni – Diċembru 2010 (Dipartiment tat-Taxxi Interni) | €3,852.00 |
| Paga tal-A/Segretarju Ezekuttiv – Diċembru 2010 | €1,056.09 |
| Paga tas-Segretarja Eżekuttiva – Diċembru 2010 | €1,608.93 |
| Paga tal-Ass. Uffiċjal Prinċipali – Diċembru 2010 | €1,258.58 |
| Rimbors tal-*petty cash* – Diċembru 2010 | € 43.89 |
| Emendi għall-applikazzjoni PA 04918/10 – Ġnien it-Tlett Għoljiet | |

| | |
|---|---|
| (MEPA) | € 93.44 |
| *Contract Manager fee* – Diċembru 2010 (Galea Curmi Engineering Consultants) | € 95.93 |
| Servizzi ta' ġarr ta' flus – Diċembru 2010 (Group 4S Security Services Ltd) | € 30.44 |
| Ġbir ta' *bulky refuse* u tindif u żamma tal-latrini ta' Marsalforn – Novembru 2010 (Dipartiment ta' l-Indafa Pubblika) | € 610.19 |
| Tindif ta' l-uffiċini tal-Kunsill – Diċembru 2010 (Salvina Bajada) | € 46.60 |
| Servizzi ta' librara – Diċembru 2010 (Joanne Grima) | € 463.49 |
| Servizz ta' *open skip* għall-berġa (Louis Attard) | € 141.60 |
| Trasport tat-tfal ta' l-iskola primarja – Novembru 2010 (Felix Cini) | € 81.20 |
| Trasport tat-tfal ta' l-iskola primarja – Diċembru 2010 (Felix Cini) | € 48.72 |
| Ġbir ta' *bulky refuse* u tindif u żamma tal-latrini ta' Marsalforn – Diċembru 2010 (Dipartiment ta' l-Indafa Pubblika) | € 594.35 |
| Ikla tal-Milied tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn (Pulitos Rest) | € 350.00 |
| *Safety shoes* għall-ħaddiema tal-Kunsill (Agius Industrial Supplies Ltd) | € 77.00 |
| *Diaries* għall-Kunsillieri u l-i*staff* tal-Kunsill (Book Point) | € 52.95 |
| Ħlasijiet dovuta lill-MITA (MITA) | € 69.88 |
| Ħlasijiet dovuta għal rimi ta' skart fil-miżbla – Ottubru & Novembru 2010 (WasteServ Malta Ltd) | €2,035.74 |
| *Scanning* ta' diversi ritratti (Captured Memories) | € 150.00 |
| Kiri ta' *coach* - ħarġa għal Malta 01/12/2010 (Koptaco Coaches) | € 192.34 |
| Ġbir ta' l-iskart domestiku u tbattil u tindif ta' l-i*skips* – Novembru 2010 (Louis Attard) | €3,935.87 |
| Ġbir ta' l-iskart domestiku u tbattil u tindif ta' l-i*skips* – Diċembru 2010 (Louis Attard) | €4,071.94 |
| Bdil ta' *parts* tal-*photo copier* (Office Group Ltd) | € 279.19 |
| Tindif u żamma tal-*playing field* u l-*promenade* tal-Qbajjar – Novembru & Diċembru 2010 (Anthony Borg) | € 382.66 |

## 6. SEJĦIET GĦALL-OFFERTI

Il-Kunsillier Joe Camilleri talab biex il-laqgħa tiġi rekordjata.
Issekonda l-Kunsillier Victor Refalo.

L-Aġent Segretarju qal li kemm dam Segretarju qatt ma ġiet rekordjata laqgħa. Hu qal li fil-Liġi tal-Kunsilli ma hemmx provediment biex nirrikordjaw il-laqgħat. Is-Sindku ssospenda l-laqgħa għal għaxar minuti biex jikkonsulta ruħu dwar dan. Wara għaxar minuti s-Sindku qal li ħa parir fis-sens li min jirrikordja l-laqgħat irid javża li ser jagħmel dan lill-Kunsill. L-Aġent Segretarju wkoll jista' jirrikordja l-laqgħat biex jikkonsulta mar-*recording*.

SERVIZZ TA' PERIT

Is-Sindku qal li fid-dawl tat-tlett *tenders* mitfugħa għas-servizz ta' perit i.e. waħda bir-rata ta' 3.5% l-oħra ta' rati diversi u l-oħra bir-rati ta' kif titlob Tariffa K ma jistax jivvota għal min irid jikser il-Liġi u għalhekk ser jieħu parir Legali.

Il-Viċi Sindku Joe Bajada qabel mas-Sindku.

Il-Kunsillier Joe Camilleri qal li tlett snin ilu, Tenderer ma ngħatax it-*Tender* avolja b' inqas minn 5% għax kien impjegat tal-Gvern. Jekk Perit jikser il-Liġi dik affari tiegħu.

Il-Kunsillier Victor Refalo ġibed l-attenzjoni għal laqgħa bejn il-Perit Edward Scerri, is-Sindku u s-Segretarju fl-uffiċċju tas-Segretarju nhar il-5 ta' Jannar 2011. Is-Segretarju qal li fl-ebda mument ma ġiet diskussa t-Tender ta' Perit mal-Kunsill.

Il-Kunsillier Joe Camilleri allega li seta' kien hemm dokumenti li setgħu ħarġu. Hawnhekk s-Segretarju assigura lil Camilleri u lill-Kunsill li żgur ma kienx hemm dokumenti neqsin.

Il-Kunsillier Harry Debono qal li aħjar nieħdu parir Legali fuq din it-*Tender*.

PROVVISTA U INSTALLAZZJONI TA' TURF ARTIFIĊJALI GĦALL-*PITCH* TAL-FUTBOL

Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u qabel irid jiġi ċċarat kif u min ser jagħmel is-sodda ta' taħt l-*artificial turf*. Is-Segretarju qal li l-aħjar jagħmilha min ser iforni t-*turf* ħalli kuntrattur ma jwaħħalx fl-ieħor.

IL-KWOTAZZJONI GĦALL-PROVVISTA U TWAĦĦIL TA' *SAFETY RUBBER MAT* GĦALL-*PLAYING FIELD* TAŻ-ŻEBBUĠ

Wara li l-Kunsill xtara *play house* mingħand JGC Ltd il-Kunsill deherlu li jkun aħjar li l-istess JGC Ltd li jistallawha fil-post.

## 7. <u>AFFARIJIET OĦRA</u>

### ĦARĠA KULTURALI

Is-Sindku ppropona li ssir ħarġa kulturali kull xahar u *leaflet* 'Il-Vuċi tal-Kunsill' informattiv bil-kulur kull xahrejn. Il-messaġġi għandhom jaslu fil-Kunsill sat-28 ta' Frar 2011.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li rċevejna €4,000 għal 'Ilwien ir-Rebbiegħa' u €5,000 għal 'Ġmiel il-Fatra' – Marsalforn.

**ĠIEH IŻ-ŻEBBUĠ**

Is-Sindku qal li rridu naħsbu biex ninnominaw persuna li tingħata dan l-unur.

**KARNIVAL**
Il-Kunsill iddeċieda li laqgħa oħra tkun fuq il-Karnival 2011. Din għandha ssir erba' ġimgħat oħra fl-10:00a.m.

***LAYOUT* TAL-KUNSILL**

Is-Sindku ordna lis-Segretarju biex ikellem lill-Perit dwar il-*layout* tal-Kunsill.

**ILMENTI**

Ilment 02/2011
Is-Sindku talab biex titwaħħal lampa fi sqaq fi Triq Skapuċċina (sqaq ta' Peppi ta' Marinton) – talba ta' Christopher Camilleri. Il-Kunsill approva din it-talba.

Ilment 01/2011
Anthony Cini ta' St Anthony House Triq il-Madonna taċ-Ċiċri talab biex titranġa r-rampa fi Triq Għajn Quċċat u l-ħitan tas-sejjieħ li hemm imwaqqa'. Il-Kunsill għandu jara fejn hu l-post eżatt u jara jaqax taħt ir-responsabbilta' tagħna.

Ilment 03/2011
Carmelo Portelli ta' 'Heaven' Triq ix-Xwejni Marsalforn qed jilmenta li waqt ix-xogħol ta' tarmak fi Triq ix-Xwejni l-kuntrattur tal-Kunsill kissirlu l-bankina (fejn ta' Salvina taċ-Ċiras). Il-Kunsill iddeċieda li l-kuntrattur għandu jħallas tal-ħsara.

**TAVARNELLE VAL DI PESA**

Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li hu ħallas it-*tickets* tar-Ryan Air u li jammontaw għal €287.50 bl-Insurance b'kollox.

Il-Kunsill aġġorna għal nhar it-Tnejn 7 ta' Frar 2011 fl-10:00 ta' filgħodu.

| | |
|---|---|
| **Carmelo Saliba CLJ MMLJ** | **Carmelo Grima** |
| ***Sindku*** | ***A/Segretarju Eżekuttiv*** |